**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 3 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**Vs**

**FREDRICK DALLI**

**KUMP NO: 149/2019**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Fredrick Dalli** detentur tal-Karta tal-identita' Maltija bin-numru 619882M, fejn gie akkuzat talli, gewwa Marsascala nhar it- 13 ta' Marzu, 2019, ghal habta bejn 14:30hrs u 15:30hrs;

a. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Natasha Bugeja**, u dan hekk kif iccertifikat minn Dr M.A Caruana M.D. (Med Reg: 2068) u dan bi ksur tal-Artikolu 214 u 216 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-istess dati, hin u cirkustanzi bl-imġieba tieghu ikkaġuna lil **Natasha Bugeja**, biża' li se tintuża vjolenza kontriha u kontra familjari taghha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tieghu se jikkaġuna lil **Natasha Bugeja** u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

c. Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) Kap.9 tal-Ligijiet ta Malta.

d. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra ***Fredrick Dalli*** a beneficju ta **Natasha Bugeja** u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' **Natasha Bugeja *u familjari taghha*** jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil ***Fredrick Dalli*** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq,

l-Qorti hija  ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi ***Fredrick Dalli*** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rinvio a giudizio tal-Avukat Generali tad-19 ta` Novembru 2020 (ara *folio* 148) u l-kunsens ta` l-imputat tat-12 ta` Mejju 2021 (ara folio 152);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 216(1)(b), 251b, 338dd, 49, 50, 412C, 383, 384, 385, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat hati bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` hmistax (15) il-xahar prigunerija.**

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Natasha Bugeja** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Fredrick Dalli** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Fredrick Dalli** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Fredrick Dalli** milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur